MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 25 ta' Awwissu 2016**

**Kumpilazzjoni nru 454/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**AB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **AB** talli nhar l-21 ta' Mejju 2016 bejn 05:00hrs u 07:00hrs u wkoll nhar il-15 ta' Gunju 2016 bejn 13:30hrs u 14:00hrs gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-

Ikkommettiet serq ta' proprjeta' (35 fwieha tad-ditta Chanel) ghad-dannu ta' CD, liema serq hu ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), liema serq hu anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq huwa

kwalifikat bil-valur u hin u dan ai termini tal-artikoli  Art 267, 270 and 279(a)) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha zmien tikkonsidra l-posizzjoni taghha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rapprezentant ta' CD, id-ditta derubata;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, u ghalhekk din hija sodisfacjentement ippruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali netta taghha.  Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputata mal-Pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli  267, 270, 279(a)  u 280 (a) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputata **AB** hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal **sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn (2)  mil-lum u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputata biex fi zmien sitt (6)**

**xhur thallas is-somma ta' elf, disa' mija u wiehed u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€1941.20c) lil CD.**

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) u 28H (7) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum u/jew jekk ma thallasx l-ammont fuq indikat fiz-zmien prefiss.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur